MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 2/2009

**Sonia Catania**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Dicembru, 2008 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru,
>
> Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali tal-20 ta' Settembru 2007.
>
> Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali tal-25 ta' Settembru 2007.
>
> Ra l-ittra tal-appell.

Ra r-risposta tal-appell tad-Direttur datata 12 ta' Settembru 2008, flimkien mad-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidra:

Illi permezz ta' decizjoni moghtija minnu fl-20 ta' Settembru 2007, id-Direttur tas-Sigurta' Socjali ddecieda li l-appellanti kellha thallas lura lid-Dipartiment l-ammont ta' EUR 8,791.68 li hija thallset zejjed ghall-perjodu bejn 07.09.05 sa 07.09.07, minhabba li ma kenitx intitolata ghall-Ghajnuna Socjali.

Illi permezz ta' decizjoni moghtija minnu fil-25 ta' Settembru 2007, id-Direttur tas-Sigurta' Socjali ddecieda li l-appellanti ma kenitx aktar intitolata ghall-Ghajnuna Socjali peress li hija kienet bdiet tahdem.

Illi wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha li gew esebiti, kif ukoll tas-sottomissjonijiet kollha li saru waqt is-seduta quddiemu, l-Arbitru jidhirlu illi d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali tal-25 ta' Settembru 2007 ittiehdet skond il-ligi, peress illi gjaladarba l-appellanti kienet bdiet tahdem, hija ma kenitx ghadha tikkwalifika ghall-Ghajnuna Socjali a termini tas-Subartikolu 7 tal-Artikolu 30 tal-Att dwar is-Sigurta' Socjali (Kap. 318).

Illi nonostante dan pero, l-Arbitru jidhirlu illi f’dan il-kaz partikolari, l-appellanti dejjem imxiet strettament ma’ dak li kien qieghed jigi rikjest minnha mid-Dipartiment, u qatt ma ppruvat la tahbi u lanqas tizgwida d-Dipartiment dwar il-pozizzjoni taghha. Illi jidher min-naha l-ohra li d-Dipartiment messu altru milli nduna bl-izball li kien qieghed isir fir-rigward tal-appellanti, mill-informazzjoni li kien qieghed jitlob u jinghata hu stess.

> Illi d-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali kien qieghed jitlob certu informazzjoni minghand l-appellanti, u kien qieghed jircievi din l-informazzjoni kull darba, izda xorta wahda baqa' jhallas l-Ghajnuna Socjali alavolja messu kien car ghad-Dipartiment li din l-Ghajnuna ma kellhiex tithallas. Ghalhekk, l-Arbitru ma tistax taqbel mat-talba ghar-rifuzjoni ta' l-ammont mitlub, meta n-nuqqas jidher li huwa kompletament tort tad-Dipartiment, u meta kien id-Dipartiment li holoq dan il-konfuzjoni unilateralment.
>
> Ghalhekk id-decizjoni tad-Direttur tal-20 ta' Settembru 2007, ma tidhirx li hija wahda gusta, u ma tistax timmerita konferma mill-Arbitru.
>
> Ghal dawn il-motivi, l-Arbitru (i) jiddikjara illi d-decizjoni tad-Direttur datata 25 ta' Settembru 2007 hija wahda gusta u timmerita konferma, u jichad l-appell fil-konfront ta' din id-decizjoni; (ii) jiddikjara illi d-decizjoni tad-Direttur datata 20 ta' Settembru 2007 m'hijiex wahda gusta, u ghalhekk jilqa' l-appell, u jiddikjara li din id-decizjoni tad-Direttur ma tistax tigi kkonfermata."

L-ilment tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali fil-konfront ta' din is-sentenza hu fis-sens illi d-decizjoni ta' l-Arbitru hi erroneja ghaliex l-Artikolu 102 (ii) tal-Kapitolu 318 jipprovdi ghar-reklam lura minnu ta' l-ammont versat f'ghajnuna socjali meta min ircevih ma kellux dritt ghalih skond il-ligi. Hu jissottometti f'dan il-kuntest illi l-fatt li l-appellata qatt ma pprovat tahbi jew tizgwida lid-Dipartiment ma kellux ifisser illi hu ma setax jinvoka r-rimedju li jitlob lura r-rimbors ta' dak li thallas ghas-sentejn precedenti l-izball kommess minnu;

L-atti juru illi l-appellata kienet ir-recipjenti ta' beneficcju ghall-Ghajnuna Socjali (SA). B'ittra tal-20 ta' Settembru, 2007 (fol. 23) l-appellanti kiteb lill-appellata biex jinformaha illi hi kienet thallset zejjed is-somma ta'

Lm3774.27 (€8791.68) ghall-perijodu mis-7 ta’ Settembru, 2005 sas-7 ta’ Settembru, 2007. B’ittra sussegwenti tal-25 ta’ Settembru, 2007 (fol. 30) avzaha wkoll illi hi ma kienetx aktar intitolata ghal dak il-beneficcju peress li hi baqghet tahdem ghalkemm ma kellhiex aktar tfal dipendenti. Irid jinghad illi l-ammont surreferit hu dak ikkomputat mid-Dipartiment skond id-dokument esebit a fol. 24 tal-process;

Premessi dawn il-fatti, l-ewwel osservazzjoni li jokkorri taghmel din il-Qorti hi kif gej. Il-ligi specjali (Kapitolu 318) tistabbilixxi dawk il-kazijiet li fihom ghandha tinghata l-assistenza previdenzjali. Fil-kaz *de quo* l-Ghajnuna Socjali hi dik artikolata skond is-subinciz (7) ta’ l-Artikolu 30 ghal kaz fejn il-kap tal-familja ma tkunx qed tahdem u tkun qed tiehu kura ta’ iben li ma jkunx lahaq l-eta` maggorenni. Jittraxxendi minn dan illi l-ghotja tal-ghajnuna hi bazata fuq il-presuppost li jezistu r-rekwiziti stabbiliti f’dan il-provvediment rilevanti tal-Kapitolu 318, anke ghaliex hu proprju l-ezistenza ta’ dan ir-rekwizit li jifforma n-nukleju fondamentali tar-rapport guridiku interkorrenti bejn l-Istat u l-beneficcjarju;

Ma jistax ikun negat illi l-appellanti, rapprezentanti ta’ l-Istat ghal dak il-fini ghandu d-dritt, u fuq kollox, id-dover li jaccerta ruhu mill-ezistenza ta’ dak ir-rekwizit sija ghall-iskop tar-rapport previdenzjali sija ghal kontinwita` tieghu fid-durata li fih tkun qeghda tigi prestata l-ghajnuna;

Meta, bhal f’dan il-kaz, tinsorgi kwestjoni fejn ikun jirrizulta li saru hlasijiet indebiti, jispetta lill-appellanti fl-ewwel lok li jaghti prova tar-raguni ta’ dak l-indebitu. In partikulari, gjaladarba jkun hu li assuma li hallas biz-zejjed lill-appellata, li juri b’mod konvincenti l-fatt kostitutiv tad-dritt minnu vantat li jsejjah lura minghand l-appellata l-eccedenti ta’ dak li ma kienx hekk dovut lilha skond il-ligi;

Indubitament, f'termini previdenzjali d-dixxiplina normattiva fl-Artikolu 102 tal-Kapitolu 318 ghandha gustifikazzjoni f'dik l-esigenza li jigi evitat arrikkiment indebitu ghal min jircievi l-assistenza b'dannu ghall-kollettivita`;

Premess dan kollu, jidher mill-korp tas-sentenza appellata illi l-Arbitru ddeterminat il-kontroversja li kellha quddiemha mill-prospettiva soggettiva ta' l-appellata. Dan fis-sens illi la, fuq il-fehma taghha, l-appellata dejjem forniet l-informazzjoni jew spjegazzjoni necessarja ghal dak rikjest minghandha mid-Dipartiment, u qatt ma pprovat tahbi jew tizgwida d-Dipartiment ma kellux jaqa' fl-izball li ghamel u jhallas meta ma kellux ihallas;

Fil-hsieb ponderat ta' din il-Qorti anke mill-mod kif inhu fformulat l-Artikolu 102, id-dixxiplina tar-ripetizzjoni ta' l-indebiti f'dan il-kaz, kieku wiehed kellu japprossimaha ghal dik tad-dritt komuni taht il-Kodici Civili, ma ghandhiex tassumi l-karattru soggettiv ghal liema jirreferu l-Artikoli 1021 u 1022 ta' l-istess Kodici relattivi ghal kwazi-kuntratt izda pjuttost ghal dik tal-karattru oggettiv skond l-Artikolu 1147 (1) tal-Kodici fl-istitut tal-pagament ta' l-indebitu taht il-kap iddedikat ghal mod ta' l-estinzjoni ta' l-obbligazzjonijiet. In effetti, l-Artikolu 102 imkien ma jsemmi l-izball fis-*solvens* li hu r-rekwizit *sine qua non* ghall-proposizzjoni tad-dritt ghar-reklam ta' l-indebitu kif skond l-Artikoli 1021 u 1022 prevvist. U la dan huwa hekk, huwa ghal kollox irrilevanti jekk tissussistix jew le, l-ipotesi ta' l-izball fl-appellanti ghax dak li hu aktar fondamentali hi l-verifika tan-nuqqas ta' gustifikazzjoni ghal hlas li sar. Ankorke l-appellata kienet in bwona fede dan il-fatt ma jbiddelx il-qaghda espressa fl-Artikolu 1147 (1) tal-Kodici Civili illi "dak li jithallas bla ma kellu jinghata, jista' jintalab lura" jew dik ta' l-Artikolu 102 tal-Kapitolu 318. Anzi fir-rapport bejn il-privat u l-amministrazzjoni pubblika dan ghandu jircievi aktar forza;

Inghad b’motivazzjoni fuq dan il-punt mill-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** illi “*l’indebito oggettivo non ha necessariamente come presupposto una obbligazzione in senso stretto e civilistico, potendo trattarsi di un rapporto in cui vi sia comunque un obbligo di versamento non come una obbligazione patrimoniale a contenuto pecuniario, nel senso che il suo ambito di applicazione è più ampio di quello dei rapporti patrimoniali obbligatori, poichè ciò che rileva, ai fini dell’ applicazione dell’istituto è il fatto oggettivo del pagamento. Inoltre, configurato come si è detto, esso trova applicazione, anche al di fuori della sfera del diritto privato, poichè, se per indebito s’intende ogni pagamento effettuato senza una causa solvendi, indebito puo essere qualsiasi prestazione, indipendentemente dalla natura privatistica o meno del rapporto obbligazionario che il solvens intendeva estinguere*”. (**Cass. 11 ta’ Marzu, 1987, Nurmu 2525**);

Tradott ghal kaz in ispecje jikkonsegwi illi l-pretiza ta’ l-appellanti diretta ghar-restituzzjoni tas-somma mhallsa ghall-Ghajnuna li ma kelllhiex tinghata ghaliex mhix skond it-termini ta’ l-Artikolu 30 (7) ta’ l-Att hi sew inkwadrata fl-iskema prevvista mill-Artikolu 102 (ii) ta’ l-istess Att dwar is-Sigurta` Socjali. L-appell jimmerita ghaldaqstant li jigi akkolt.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qed tilqa’ l-appell tad-Direttur u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza ta’ l-Arbitru. L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------